MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. BONNICI JOSEPH

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 234/2002/1

**Paul Buhagiar**

**vs**

**Michael Delia**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ Lm500.00c (hames mitt lira Maltin) rapprezentanti kumpens ghall-uzu ta’ truck numru JAS 456 mill-konvenut ghall-sena shiha u liema obbligazzjoni ta’ hlas ghal tali uzu saret mill-konvenut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni u bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta’ l-Avviz sal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi preliminarjament il-konvenut fl-ebda cirkostanzi ma ghamel uzu tat-truck numru JAS 456 in kwistjoni. Anzi kontrarjament il-konvenut ippresta s-servizzi tieghu sabiex jaghmel xogholijiet msemmija (service) fuq it-truck in kwistjoni.

Ghaldaqstant it-talba tal-attur ghandha tigi michuda stante li l-mertu, kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt, ma tirrisultax.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Sema' x-xhieda.

Ikkonsidera

Illi t-Tribunal huwa rinfaccjat b'sitwazzjoni fejn l-assenza ta' dokumentazzjoni hija lampanti.

La hemm qbil fuq in-negozju original, ahseb u ara wara li ma sehhx in-negozju. Huwa fatt rikorrenti li ghad tezisti l-mentalita li ftehim simili ma jigix redatt per iskritt biex appozitament sitwazzjonijiet simili jigu evitati. Kif jinghad, naqra ta' bicca karta kienet tevita dawn il-proceduri.

Illi x-xhieda attrici hija totalment opposta ghal dik konvenuta, u l-invert. Anki s-suppost xhieda disinteressanta jidhru li huma pregudikati favur dik il-parti li pproduciethom rinfaccjat b'din ir-realta t-Tribunal huwa sfurzat li jirrikorri ghal principi ta' omus probandi incumbit ei qui dicit non li qui negat. Min jallega jrid jipprova a sodisfazzjon tal-gudikant li l-pretensjoni tieghu hija sanata.

Il-konvenut ossia dak li qed jichad, ma ghandhu l-ebda dover li jipprova l-kuntrarju. Anzi ghandhu dritt li ma jressaq l-ebda provi.

Illi kif gia nghad, il-provi prodotti huma sempliciment orali, liema provi huma kontradetti. Meta gew imwiezna z-zewg versjonijiet prezentati jirrizulta li ma hemmx dak il-konviciment anki jekk mhux preponderanti sabiex it-Tribunal jigi konvint jakkolji t-talbiet attrici. L-attur ma

ikkonvinciex anzi ma ezegwix l-obbligu tieghu li almenu jipprova l-allegazzjoni tieghu fuq bilanc ta' probalitajiet.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi fil-waqt li jilqa' eccezzjonijiet tal-konvenut u jichad it-talbiet attrici. In vista tal-istess cirkostanzi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**